MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 723/2006

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**John SCIRIHA u Joseph VASSALLO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-3 ta' Awissu, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiva s-sentenza mogħtija fis-7 ta' Jannar, 1991, fil-kawża fl-ismijiet "L-Avukat Dr. Grazio Mercieca LL.D. noe vs. John Sciriha u Joseph Vassallo" (Ċit. Nru: 249/89) u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimati notifikati ma ppreżentawx risposta u lanqas dehru għar-rikors, minkejja li kienu notifikati kif imiss ukoll bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni;

Rat li r-rikorrent nomine kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u iddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa’ t’talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------